# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar il-11 ta' Gunju 2024**

**Talba nru. 108/2023**

**VODAFONE MALTA LIMITED ILLUM**
**EPIC COMMUNICATIONS LIMITED**
**(C10865)**

***VERSUS***

**KYLE VELLA**
**(KI 0363395M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avviz ipprezentat fit-23 ta' Marzu 2023 is-socjeta attrici talbet lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tmien mija u erbgha Ewro u sitta u hamsin centezmu (Eur 804.56) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11052848 fuq talba u beneficcju ta' l-intimat u dan kif jirrizulta mill-faturi ipprezentati, bl-ispejjez u bl-imghax sal-pagament effettiv.

Ra illi l-konvenut laqa ghat-talbiet attrici billi eccepixxa illi huwa kien dispost li jhallas l-ammont mitlub qabel ma ittiehdu dawn il-proceduri, illi s-socjeta rikorrenti qatt ma spjegat il-kont minnha pretiz u li kien dispost li jghaddi l-ammont mitlub fl-ewwel dehra quddiem dan it-Tribunal.

Ra n-nota tas-socjeta attrici a Fol.16 fejn it-Tribunal gie infurmat illi minkejja li saru zewg seduti, l-ammont mitlub ghadu ma giex imhallas.

Ra il-passitivita tal-konvenut illi minkejja illi pprezenta risposta, huwa u lanqas d-difensur tieghu ma deheru ghall-udjenzi kollha sussegwenti.

Sema x-xhieda ta' Leanne Farrugia.

Ra d-dokumenti.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi fir-risposta tieghu, l-intimat iddikjara a Fol. 10 illi huwa kien dispost li jhallas l-ammont pretiz mis-socjeta attrici u li sahansitra kien ser ihallas dan l-ammont fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal. Illi minkejja s-seduti li saru, l-intimat la hallas l-ammont pretiz u lanqas deher ghas-seduti. Ghaldaqstant, minkejja stennija min-naha tas-socjeta attrici sabiex il-kawza tigi transatta, dan qatt ma sehh u s-socjeta attrici kompliet bil-kaz taghha.

Illi fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2023, xehdet Leanne Farrugia, bhala rapprezentanta tas-socjeta attrici illi kkonfermat illi l-kont li gie ipprezentat a Fol.4 tal-process kien jghajjat lill-intimat. Ix-xhud ipprezentat kopja tal-kuntratt iffirmat mill-intimat u l-invoice li hargu a bazi ta' l-istess kuntratt ghal perjodu Frar 2019 sa Frar 2020. (Fol. 19 et seq).

Illi s-socjeta attrici kienet ipprezentat affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (Fol.5) li ikkonferma il-kont pendenti min-naha ta' l-intimat.

Illi wara li s-socjeta attrici ghalqet il-provi taghha fit-28 ta' Novembru 2023 u t-Tribunal halla l-udjenza tat-30 ta' Jannar 2024 sabiex il-konvenut jipprezenta l-provi tieghu. Minkejja dan, l-intimat u lanqas id-difensur tieghu ma deherux u l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-gheluq provi konvenut. Fl-udjenza tal-25 t'April 2024, rega ma deher hadd ghas-seduta u ghaldaqstant it-Tribunal kien iddikjara l-provi konvenuti bhala maghluqa.

Illi s-socjeta attrici irrimettiet ruhha ghall-atti processwali.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Illi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Subtitolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Illi mikejja dak stabbilit fil-ligi, dan it-Tribunal ta l-opportunita lill-konvenut sabiex iressaq kwalunkwe prova tieghu izda dan baqa ma sehhx.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll illi fir-risposta tieghu, l-intimat accetta li kellu jhallas l-ammont pretiz mis-socjeta attrici u sahansitra stqarr illi kien ser ihallas sabiex jevita iktar spejjez. Minkejja dan kollu, l-ebda hlas ma sar.

Illi fl-udjenza tal-25 t'April 2024, il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-intimat fir-risposta tieghu kif ukoll tad-dokumentazzjoni ipprezentata mix-xhieda tas-socjeta attrici u cioe Dr. Jeremy Debobo u Leanne Farrugia, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' tmien mija u erbgha Ewro u sitta u hamsin centezmu (Eur 804.56) bl-imghaxijiet mit-23 ta' Marzu 2023 (data tal-prezentata tal-kawza odjerna) sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,huma kollha a kariku tal- konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur